MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Numru 535/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Dennis Theuma**

v

**ANTHONY BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY BORG** ta' wiehed u sittin sena iben Saviour u Josephine nee Vella imwieled Mellieha fid-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 1952 u residenti Victoria Bar and Restaurant, Triq l-Gharmier, limiti tal-Mellieha u detentur tal-karta tal-identita` numru 366252(M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 2001 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond

Victoria Bar and Restaurant, sitwat fil-Mellieha jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommeta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-danu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u li jeccedi l-elf lira Maltin.

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku.

U aktar talli ghamel hsarat jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilili tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputat Anthony Borg ihallas l-ispejjez relattivi ghall-perizja peritali rigwardanti l-imsemmija inkjesta Magisterjali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar is-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti  qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fedina penali tal-imputat li mhiex daqstant rifrettarja u ghandha biss registrat fuqha numru ta' kontravenzjonijiet u reat zghir kontra l-ordinanza tat-traffiku meta inghata pieni ta' ammendi u multa ta' hames liri Maltin.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261, 263 (a), 264, 267, 270 u 326 (a), (c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat ANTHONY BORG hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi dawn gew nominati fi stadju ta' inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia datata sittax ta' Jannar, 1998.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti kolllha tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------